MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 541/2014

**Tucan Investments Limited [C33150]**

***kontra***

**Mario (ID737254M) u Maria Camilleri (566882M) ;**

**Mariolot Limited C33086**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Gunju 2014 li jaqra hekk :-

*1. Illi matul is-sena 2004, l-intimati kienu ressqu proposta lis-socjeta` rikorrenti sabiex l-istess socjeta` rikorrenti takkwista nofs is-sehem (equity) illi s-socjeta` rikorrenti kien ser ikollha fis-socjeta` The Players Group Limited, liema socjeta` kellha u ghad ghandha 24% investiment fl-ekwita` tal-kumpannija Maltco Lotteries Limited ;*

*2. Illi l-patti maqbula sabiex is-socjeta` Tucan Investments takkwista nofs is-sehem (equity) fis-socjeta` intimata kien fis-sens illi :*

*a) Is-socjeta` rikorrenti tinvesti l-ammont ta` Liri Maltin mija u tlieta u ghoxrin elf (Lm 123,000) f`kapital fil-kumpannija, u dan tramite l-allokazzjoni ta` mija u tlieta u ghoxrin elf sehem ordinarju tal-valur nominali ta` Lira Maltija kull sehem ;*

*b) Is-socjeta` rikorrenti tislef lill-intimati Mario u Maria konjugi Camilleri l-ammont ta` Liri Maltin mija u tlieta u ghoxrin elf (Lm 123,000), intizi sabiex l-istess intimati Mario u Maria konjugi Camilleri jinvestu l-istess ammont f`kapital socjetarju fil-kumpannija intimata Mariolot Limited ;*

*c) Is-socjeta` rikorrenti tipprovdi garanzija bankarja fl-ammont ta` Liri Maltin sebgha u tmenin elf disa` mija u tletin (Lm 87,930), liema garanzija kienet intiza sabiex is-socjeta` intimata Mariolot Limited tuzaha sabiex hija tonora l-obbligi assunti minnha versu l-investiment illi l-istess socjeta` intimata Jeanlot Limited kellha fis-socjeta` The Players Group Limited, liema socjeta` kellha investiment fil-kumpannija Maltco Lotteries Limited ;*

*d) David Curmi jkun appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija intimata.*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet dahlet fi ftehim, (kopja ta` liema hija hawn annessa u markata Dok. IJS1) mal-intimati ntiza sabiex l-istess socjeta` rikorrenti takkwista kapital azzjonarju fis-socjeta` intimata Mariolot Limited, kif ukoll sabiex hija tislef kapital lill-intimati Mario u Maria Camilleri sabiex dawn ikollhom il-kapital necessarju sabiex huma jzidu l-kapital taghhom fis-socjeta`*

*Mariolot Limited, u kif ukoll sabiex is-socjeta` Mariolot Limited ikollha garanzija bankarja ntiza sabiex tigi uzata sabiex tiggarantixxi l-obbligi taghha versu terzi, u senjatament is-socjeta` The Players Group Limited ;*

*4. Illi l-intimati kienu assumew obbligu ta` fiducja b`dan il-ftehim li huma jittrattaw il-kumpannija daqs li kieku l-kapital taghha kien jappartjeni nofs lir-rikorrenti u nofs lilhom ;*

*5. Illi fuq din il-fiducja li r-rikorrenti rriponew fl-intimati u fuq l-assikurazzjonijiet anke bil-miktub tal-istess intimati r-rikorrenti ghamlu l-investiment fuq imsemmi fis-socjeta` intimata, ghamlu s-self rikjest u avvanzaw il-garanziji kif pattwiti ;*

*6. Illi in partikolari gie stipulat li rrispettivament minn meta jigu mahruga l-ishma formalment is-socjeta` rikorrenti tippartecipa fil-qligh u jkollha sehem fit-tmexxija tas-socjeta` daqs li kieku dawk l-ishma kienu gew mahruga u registrati f`isimha ;*

*7. Illi minhabba ragunijiet attribwibbli unikament lill-intimati, u cioe` minhabba r-raguni illi huma ma ridux illi b`xi mod ixekklu r-rapporti u r-relazzjoni illi huma kienu ghandhom kemm bdew mal-azzjonisti l-ohra fis-socjeta` The Players Group Limited, kien intlahaq ftehim illi l-azzjonijiet versu s-socjeta` rikorrenti ma jigux mill-ewwel registrati f`isem ir-rikorrenti izda dan isir fi zmien futur u dan sabiex l-intimati jkollhom iz-zmien sabiex jinfurmaw lis-socji l-ohra fil-kumpannija The Players Group Limited illi huma kienu ntroducew terzi, u cioe` s-socjeta` rikorrenti, fil-kumpannija taghhom ; b`dana kollu gie stipulat li l-partijiet fir-relazzjonijiet taghhom mal-intimati kellhom igawdu d-drittijiet kollha daqs li kieku kienu socji paritarji ;*

*8. Illi in segwitu ta` dan l-istess ftehim is-socjeta` rikorrenti pprovdiet lill-intimati :*

*a) L-ammont ta` mija u tlieta u ghoxrin elf Liri Maltin intizi sabiex ikopru s-sehem tas-socjeta` rikorrenti fil-kapital fil-kumpannija intimata, u dan tramite l-allokazzjoni ta` mija u tlieta u ghoxrin elf sehem ordinarju tal-valur nominali ta` Lira Maltija kull sehem, liema allokazzjoni pero` ma gietx registrata sakemm l-intimati javzaw is-socji l-ohra tal-kumpannija The Players Group Limited ;*

*b) Self lill-intimati Mario u Maria Camilleri fl-ammont ta` Liri Maltin mija u tlieta u ghoxrin elf (Lm123,000), intizi sabiex l-istess Mario u Maria Camilleri jinvestu l-istess ammont f`kapital socjetarju fil-kumpannija intimata*

*Mariolot Limited, liema allokazzjoni saret immedjatament mal-iffirmar tal-ftehim, u giet debitament registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji ;*

*c) Garanzija bankarja fl-ammont ta` Liri Maltin sebgha u tmenin elf disa` mija u tletin (Lm87,930), liema garanzija ntuzat mis-socjeta` intimata Jeanlot Limited sabiex hija tonora l-obbligi assunti minnha versu l-investiment illi l-istess socjeta` intimata Mariolot Limited kellha fis-socjeta` The Players Group Limited, liema kumpannija kellha investiment fil-kumpannija Maltco Lotteries Limited ;*

*9. Illi d-dokumentazzjoni sabiex tkun tista` tigi effetwata z-zieda fil-kapital tas-socjeta` intimata a favur tas-socjeta` rikorrenti, kif ukoll sabiex David Curmi jigi appuntat direttur fil-kumpannija intimata, giet ippreparata u ffirmata mill-intimati, u l-originali tal-istess dokumentazzjoni thallew ghand l-avukat Ian Stafrace sabiex dawn ikunu jistghu jigu registrati fi stadju ulterjuri ;*

*10. Illi matul il-kors taz-zmien il-ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimati gie onorat mill-partijiet kollha, eccetto dak pattwit fil-hames parti tal-istess ftehim, u dan minkejja li f`bosta okkazjonijiet is-socjeta` rikorrenti talbet, verbalment, lill-intimati sabiex il-mija u tlieta u ghoxrin elf sehem ordinarju tal-valur nominali ta` Lira Maltija kull sehem jigu registrati f`isem is-socjeta` rikorrenti ;*

*11. Illi matul laqgha li saret fis-sena 2010 bejn is-socjeta` rikorrenti u l-kumpannija intimata u l-intimat Mario Camilleri, fil-prezenza ta` numru ta` persuni ohra, u liema laqgha ssejhet sabiex matulha tigi diskussa n-nuqqas da parti tal-intimati li jirregistraw l-ishma f`isem is-socjeta` rikorrenti, kienet issemmiet bhala raguni ghal dan in-nuqqas da parti tal-intimati, il-fatt illi l-kumpannija Maltco Lotteries Limited, li taghha hija socja l-kumpannija The Players Group Limited, u li taghha hija socja l-kumpannija intimata, kienet fl-istadju li titfa` l-offerti taghha sabiex hija tinghata koncessjoni ulterjuri minghand il-Gvern ta` Malta sabiex hija tibqa` topera l-Lottu u l-Lotteriji, u ma kienx ghalhekk zmien opportun li ssir tali registrazzjoni ;*

*12. Illi sussegwentement, u cioe` wara li l-istess kumpannija Maltco Lotteries Limited inghata koncessjoni ulterjuri, regghet saret talba verbali sabiex issir tali registrazzjoni, liema talba, din id-darba ma kellhiex risposta ;*

*13. Illi sussegwentement, il-kumpannija rikorrenti ufficjalment interpellat lill-intimati, tramite ittra ufficjali tas-27 ta` Gunju 2013 (Dok. IJS2), sabiex l-allokazzjoni ta` mija u tlieta u ghoxrin elf sehem ordinarju tal-valur nominali ta` Lira Maltija kull sehem issir a favur tal-kumpannija rikorrenti u dan kif pattwit fil-ftehim suriferit ;*

*14. Illi l-intimati rrispondew ghal tali talba billi cahdu t-talba tal-kumpannija rikorrenti, u dan tramite ittra ufficjali tas-27 ta` Gunju 2013 (Dok. IJS3), u ghaldaqstant l-intimati baqghu inadempjenti ;*

*15. Illi l-intimati kellhom obbligu ta` fiducja versu r-rikorrenti li juzaw il-flus tar-rikorrenti bil-mod fdat lilhom u mhux altrimenti ;*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara illi l-kumpannija rikorrenti hija ntitolata ghall-ammont ta` azzjonijiet fil-kumpannija intimata ekwivalenti ghal mija u tlieta u ghoxrin elf sehem ordinarju tal-valur nominali ta` Lira Maltija kull sehem, u cioe` numru ta` ishma li jirraprezentaw nofs l-ekwita azzjonarja tal-kumpannija intimata ;*

*2. Prevja dikjarazzjoni illi l-intimati ma onorawx il-ftehim mal-kumpannija rikorrenti, kif ukoll dikjarazzjoni li l-intimati naqsu mill-obbligi fiducjarji minnhom assunti versu r-rikorrenti, tordna illi l-istess intimati, jew min minnhom, jirregistraw tali allokazzjoni, kif ukoll il-hatra ta` David Curmi bhala direttur tal-kumpannija intimata, mar-Registratur tal-Kumpanniji, b`effett immedjat ;*

*3. Tordna illi fl-inadempjenza li ssir tali registrazzjoni fit-termini hekk prefissi, il-kumpannija rikorrenti, jew dawk il-persuni hekk imqabbda u awtorizzati minn dina l-Onorabbli Qorti, jirregistraw tali allokazzjoni ta` ishma u l-hatra ta` David Curmi fuq il-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija intimate ;*

*4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-penali patwita ghall-perijodu ta` nuqqas ta` adempiment tal-obbligi assunti jew ta` mora kif stabbilit fil-ftehim mertu tal-vertenza odjerna in vista tal-inadempjenza taghhom ;*

*5. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kollha kawzati lir-rikorrenti b`konsegwenza tan-nuqqasijiet taghhom, liema Danni jigu likwidati f`gudizzju separate ;*

*6. Tikkundanna lill-intimati Jean Paul u Nicola Tabone jirrifondu lir-rikorrenti dawk l-ammonti li huma ppercepew bhala dividend minghand is-*

*socjeta` intimata u li kienu fit-terminu tal-ftehim fuq imsemmi jispettaw lir-rikorrenti ;*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta` mandati kawtelatorji li ser jigu pprezentati fil-mori tal-istess rikors, kif ukoll bl-imghax kontra l-intimati li huwa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-31 ta` Lulju 2014 li taqra :-

*1. Preliminarjament in-nullita` tar-rikors promotur stante illi ma hux sufficjentement car x`tip ta` azzjoni qed tigi ntentata.*

*2. Dejjem in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nullita` tal-azzjoni tenut kont illi t-talbiet jikkontjenu kumulu ta` azzjonijiet inkompatibbli msejsa allegatament fuq artikoli differenti tal-ligi u li ma humiex identifikati. Mit-talbiet biss jirrizulta li hemm talbiet illi jikkoncernaw kwistjonijiet ta` inadempiment kuntrattwali, ksur ta` obbligi fiducjarji, talbiet li huma rizervati ghal kamp ta` ligi socjetarja, talba ghad-danni kontrattwali, talba ghad-danni akwiljani u rifuzjoni ta` flejjes.*

*3. Dejjem in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza kif intavolata hija monka peress illi fit-tieni, tielet u s-sitt talba qed jintalab provvediment jew ordni fil-konfront ta` jew dwar li terz mhux parti fil-kawza ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm ebda rabta kuntrattwali bejn il-partijiet stante illi l-ftehim originali kien wiehed ta` zewg ghotji separati ta` self li t-tnejn gew kompletament imhallsin lura lis-socjeta` attrici (ara prospett ta` pagamenti Dok 1) ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost minkejja illi f`dawn il-proceduri s-socjeta` attrici taghti l-impressjoni li dan il-ftehim kien wiehed ta` proposta ghal akkwist ta` sehemijiet u participazzjoni f`kumpannija, fil-mandat ta` inibizzjoni ntavolat fl-istess zmien tar-rikors promotur dan il-ftehim gie msejjah mill-istess socjeta` attrici bhala wiehed ta` "self" (ara kopja tal-mandat esebit Dok 2). Isegwi ghalhekk illi l-paragrafi 1-7 tar-rikors promotur huma kontradetti mis-socjeta` attrici stess fl-atti gudizzjarji taghha ;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost b`riferenza ghall-paragrafi 8 sa 15 tar-rikors promotur, il-verita` hi illi s-socjeta` attrici thallset is-self kollha lura, anzi kien hemm pagament zejjed favur is-socjeta` attrici li l-intimati ser jirkupraw mill-istess socjeta` attrici (ara protest Dok 3 anness) ;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel interpellazzjoni ghall-optzjoni ghax-xirja ta` ishma kienet f`Gunju 2013 (mhux 2014 kif iddikjaraw bil-gurament l-atturi) u dan kien fi zmien meta s-self kollu kien thallas lura bi hlas zejda u meta allura l-obbligazzjoni kuntrattwali kienet ghal kollox sodisfatta u tterminata ai fini u effetti kollha tal-ligi. Mal-pagament effettiv u per saldu ta` dan is-self, is-socjeta` attrici ma ghamlet ebda rizerva u dejjem accettat il-pagament inkondizzjonatament ;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tant gie tterminat il-ftehim u thallsu l-ammonti kollha pattwiti illi sahansitra anke l-garanzija bankarja li harget is-socjeta` attrici favur l-intimati giet ikkancellata in toto snin ilu ;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma nholqu ebda obbligi fiducjarji u r-riferenza ghal Dr Ian Stafrace f`paragrafu 9 b`kull dovut rispett ma taghmel ebda sens ;*

*10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kemm-il darba s-socjeta` attrici qed tippretendi nvolviment dirett jew indirett f`The Players Group Limited, tali talba ma tista` tigi qatt akkolta peress illi l-eccipjenti ma jzommu ebda nvestiment interess jew ishma fl-istess socjeta` ;*

*11. Illi l-atturi ma humiex intitolati llum, wara l-hlas kollu tas-self ghal ebda azzjonijiet (l-ewwel talba), allokazzjoni ta` ishma (it-tieni talba), registrazzjoni favur taghhom ta` xi ishma (tielet talba), pagament ta` xi penali (raba` talba), kumpens ghal danni (hames talba) jew hlas ta` xi dividend (sitt talba) ;*

*12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost zgur li David Curmi (tieni u tielet talbiet), li ma hux parti f`din il-kawza ma ghandu ebda jedd ikun direttur tas-socjeta` intimata oltre li l-atturi ma jista` qatt ikollhom tali rimedju skont il-ligi ;*

*13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici tippretendi illi wara li thallset is-somma tas-self kollu lura lilha skont il-ftehim issa, takkwista b`xejn nofs l-ishma u l-investiment tas-socjeta` intimata. Jekk dawn it-talbiet attrici effettivament jintlaqghu jkun gie mahluq indebitu u qligh mhux xieraq u gustifikat favur l-istess socjeta` attrici. Inoltre huwa car illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici llum hija illi takkwista sehmijiet fil-kumpannija intimata b`xejn minghajr ebda konsiderazzjoni kwalunkwe ;*

*14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza odjerna hija frivola u vessatorja u dan peress illi minkejja li s-socjeta` esponenti ghamlet il-pozizzjoni taghha cara permezz ta` protest risponsiv (ara Dok 4 u 5 anness) is-socjeta` attrici komplet fl-azzjoni taghha ;*

*15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatti u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti u l-lista tad-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2014 fejn, wara li hija dderigiet lill-partijiet sabiex qabel tidhol fil-mertu, jittrattaw l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, il-partijiet qablu li min-natura taghhom dawk l-eccezjonijiet ma kienux jinvolvu smigh ta` provi izda biss trattazzjoni bil-fomm.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**<u>Skond il-konvenuti</u>**, l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ghandhom jigu milqugha anke wara ezami semplici tat-talbiet :-

Fl-ewwel talba, qeghda tintalab dikjarazzjoni mill-qorti illi l-atturi huma ntitolati ghal ammont ta` ishma. Il-konvenuti jistaqsu minn fejn hija naxxenti din it-talba mu cioe` minn obbligazzjoni *ex contractu* jew xort`ohra.

It-tieni talba hija konfuza anke mill-mod kif saret u cioe` *prevja dikjarazzjoni.* Hija identika ghall-ewwel talba, ghalkemm tirreferi ghall-obbligu fiducjarju. Il-konvenuti jistaqsu minn fejn jirrizulta dan l-obbligu fiducjarju ; u cioe` huwiex mil-ligi jew minn relazzjoni li hija rikonoxxjuta mil-ligi. Il-kwesit tal-konvenuti ghar-rigward ta` allegata inadempjenza fir-registrazzjoni huwa jekk it-talba hijiex materja kontrattwali jew *ex lege* meta d-dritt socjetarju jaghti rimedji ghal sitwazjonijiet ta` din ix-xorta.

Fir-raba` talba, jidher li l-atturi qeghdin jitolbu danni *ex contractu.* Imbaghad fil-hames talba, l-atturi qeghdin jitolbu danni aquiliani. Ghalhekk il-konvenuti jghidu li hemm knflitt bejn dawk iz-zewg talbiet.

Fis-sitt talba, l-atturi qeghdin jitolbu danni ghal *unjustified enrichment*.

Ghall-konvenuti, huwa evidenti li l-atturi ma wrewx fuq liema binarju kienu qeghdin jintavolaw il-kawza.

Dwar it-tielet eccezzjoni, il-konvenuti jistaqsu kif tista` l-qorti, ladarba David Curmi mhuwiex parti fil-kawza, taghti ordni li tirrigwardah. Inoltre anke r-Registratur tal-Kumpanniji kellu jkun parti fil-kawza, minhabba li l-ordni ta` registrazzjoni trid issir minnu. Ghalhekk il-gudizju mhuwiex integru.

Skond il-konvenuti, l-eccezzjonijiet in kwistjoni saru propju sabiex is-socjeta attrici tispjega l-binarji li fuqhom intavolat il-kawza.

**Skond il-kumpannija attrici**, il-punt kollu ta` l-kawza huwa illi kien hemm kuntratt li sar fid-29 ta` April 2004, fejn kienu patwiti diversi hwejjeg. It-talbiet jirriflettu dak miftiehem u li ghalihom is-socjeta` attrici kellha dritt (ara l-ewwel u t-tieni talbiet). Dwar l-obbligi fiducjarji, is-socjeta` attrici tghid illi ghalkemm kien hemm ksur kontrattwali da parti tal-konvenuti, dak ma jfissirx li ma setax ikun hemm ukoll ksur ta` obbligi fiducjarji. Saret talba ghal danni aquilani ghaliex mhuwiex eskluz illi kien hemm danni ulterjuri ohra, oltre l-penali (ara r-raba` talba).

Dwar it-tielet eccezzjoni, is-socjeta` attrici ma titkellimx dwar ir-Registratur tal-Kumpanniji imma specifikatament dwar il-hatra ta` direttur ; ghalhekk mhuwiex il-kaz li l-Qorti tiddeciedi jekk ir-Registratur ghandux ikun parti mill-kawza jew le. Dwar t-talba sabiex David Curmi jigi mahtur bhala direttur tal-kumpannija, is-socjeta` attrici tghid illi dik kienet materja trattata fil-kuntratt tad-29 ta` April 2004 ; ghalhekk ma kienx hemm htiega li ghall-integrita` tal-gudizzju David Curmi ikun parti fil-kawza. L-istanza kienet mill-bidu sal-ahhar tas-socjeta` attrici.

Dwar l-obbligu fiducjarju, is-socjeta` attrici ssostni li hija qeghda titlob dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-konvenuti naqsu fl-obbligi minnhom kontrattwalment assunti, u tinsisti li bejn il-partijiet, kien hemm kuntratt li ma giex rispettat mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat :**

**III.** **L-ewwel eccezzjoni**

L-ewwel eccezzjoni taqra hekk :-

*Preliminarjament in-nullita` tar-rikors promotur stante illi ma hux sufficjentement car x`tip ta` azzjoni qed tigi ntentata.*

**L-Art 156 tal-Kap 12** ighid :-

*(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b`mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f`paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment ;*

*(b) ir-raġuni tat-talba ;*

*(c) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati …*

**L-Art 789 tal-Kap 12** ighid :-

*(1) L-eċċezzjoni ta` nullità tal-atti ġudizzjarji tista` tingħata -*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti ;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta` nullità, kemm- il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort`oħra ħlief billi l-att jiġi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi :*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta` nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista` tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.*

Fis-sentenza tagħha tat-22 ta` April 2004 fil-kawża "**Malta Development Corporation vs Paul Licari**" din il-Qorti (**PA/NC**) qalet hekk :-

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-eccezzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 156 tal-Kap.12 li jimponi li c-citazzjoni "ghandu jkun fiha: [a] tifsir car u sewwa ta` l-oggetti u r-raguni tat-talba" u fis-subinciz tieghu jiddisponi li "[2] Flimkien mac-citazzjoni ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba".*

*Illi rigward l-interpretazzjoni ta` dan l-Artikolu, u l-applikazzjoni tal-istess, il-gurisprudenza nostrana enuncjat is-segwenti principji :-*

*Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni hi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet li ghalihom iwasslu. Irid mhux biss jirrizulta dak in-ness guridiku bejn il-premessi u t-talbiet b` mod li jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-Art.156, imma hu wkoll mehtieg ad substantia et validitatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikabbli fil-ligi, u dana fil-parametri ta` l-att tac-citazzjoni kif redatt. L-Art.156 jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghaliex kien qed jitlobdak l-oggett u illi kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni tkun imfissra car u sewwa [App.* ***Raymond Galea vs Anthony Galea*** *–30.03.1998 ; PA.* ***Pietro Paolo Camilleri et vs Filippo Galea*** *– 06.06.1991]*

*Illi dan kollu iservi ghax "il citato deve conoscere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti vhe vanno uniti alla citazione e da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predatti e non a lui notificati" [PA 6.11.1930* ***Bernardo Zammit vs Lorenzo Cassar noe****; PA. 26.04.1951* ***Antonio Mizzi vs Stanley Chapman et*** *Vol.XXXX.II.399]*

*Dan l-Artikolu pero` "irceva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex addottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-istess dispostizzjoni"* ***[Vol.XXIX.I.431 ; XXXII.I.228 ; XXXIV.II.502].***

*Il-ligi pero` ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni ; bizzejjed jiftiehem x` ikun qieghed jitlob l-attur, b` mod illi l-kawzali tista` tkun espresso lakonikmanet u sahansitra tista tkun anke indotta mid-domandi, u jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva li, stante li ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda mac-citazzjoni ghandha konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali. [PA.* ***Av.Dr.Carlo Moore noe vs ACE Carmelo Fiteni*** *– 15.12.1955 ; Vol.XLIII.II.748 ; Vol.XXX.I.228]; Qorti Kumm. [1989]* ***L-Avukat Dr. Stefan Frendo vs Philip Attard noe****. Vol.LXXIII.IV.972; Vol.LXXIV.II.406]. Fil-kaz* ***Joseph Sammut et noe vs Lorenza Agius*** *[9 ta` Frar 2001] l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li "Il-Qrati taghna accettaw biss il-kriterju ta` l-ekwipollenza fil-kazijiet fejn ilkawzali ma tkun espressa sew fic-citazzjoni, imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjonijiet fil-kas ta` kawzali aktarx imfissra lakonikament [vide PA.* ***Calleja vs Av. Dr. J.Herrera*** *5 ta` Ottubru 1992]"*

*In-ness u t-test importanti huwa dak espress fil-kawza fl-ismijiet* ***Emma Sciclunа vs Mary Xuereb et*** *[Appell 22.05.1967] fejn gie osservat li ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b`mod lakoniku, ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f` hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista` jiddefendi ruhu [PA.* ***Dr.Stefan Frendo noe vs Philip Attard*** *(CS) 19.06.1989]*

*Madankollu il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1995, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-Kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi formu li jinutnuh" [App.28.02.1997* ***Charles Fino vs Alfred Fabri noe****], u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati*

*nulli" [App.24.01.1964* ***Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro****] PA (RCP)* ***Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini*** *19.01.1999].*

*In-nullita` tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi [PA* ***Alfred Vella et vs Agostino Camilleri*** *[1997] Vol.LXXXI.III.31].*

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" din il-Qorti (**PA/JRM**) tirrileva b`riferenza ghall-Art 789 tal-Kap 12 illi l-*erba` (4) cirkostanzi msemmija f`dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda minnhom.* Dwar l-element tal-kjarezza, in partikolari fejn il-konvenut jallega "konfuzjoni", il-Qorti rrimarkat :–

*" ... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista` tiftiehem, ma jimputax jekk il-kawzali tkunx imfissra b`mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha ...*

*... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ...*

*... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ..."*

Il-pern tal-azzjoni attrici fl-assjem taghha huwa l-ftehim bejn il-partijiet tad-29 ta` April 2004. Kopja tal-ftehim kien anness mar-rikors guramentat (Dok IJS1). Id-diversi talbiet li ressqet is-socjeta` attrici jitwieldu mill-allegata inosservanza ta` dan l-ftehim da parti tal-konvenuti. Min-naha taghhom, il-konvenuti, ghalkemm jilmentaw illi s-socjeta` attrici mhijiex tindika l-binarji tal-azzjoni taghha, fl-istess waqt, igibu `l quddiem diversi eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-pretensjonijiet attrici ; fil-fatt bl-

eccezzjonijiet li laqghu bihom ghat-talbiet attrici fil-mertu, il-konvenuti jidher li fehmu tajjeb il-parametri tal-azzjoni attrici u laqghu ghaliha konformement. Bil-mod kif is-socjeta` attrici ppremettiet l-azzjoni taghha, u bil-mod kif imbaghad ressqet it-talbiet taghha, din il-Qorti ma tarax li l-konvenuti garrbu pregudizzju fid-difiza taghhom.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

L-eccezzjoni taqra hekk :

*Dejjem in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nullita` tal-azzjoni tenut kont illi t-talbiet jikkontjenu kumulu ta` azzjonijiet inkompatibbli msejsa allegatament fuq artikoli differenti tal-ligi u li ma humiex identifikati. Mit-talbiet biss jirrizulta li hemm talbiet illi jikkoncernaw kwistjonijiet ta` inadempiment kuntrattwali, ksur ta` obbligi fiducjarji, talbiet li huma rizervati ghal kamp ta` ligi socjetarja, talba ghad-danni kontrattwali, talba ghad-danni akwiljani u rifuzjoni ta` flejjes.*

Fis-sentenza taghha tad-29 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**<u>Mary Bezzina et vs Joseph Vella et</u>**" il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk :-

*"F`dan ir-rigward jista` minghajr diffikulta jinghad illi l-atti kienu ntizi biex tkun tista tigi sewwa epurata u deciza din it-talba principali ta` l-atturi. Kien hemm konnessjoni cara u netta bejn id-diversi talbiet taghhom b`dan li, ghalkemm kull wahda mit-talbiet kienet indikattiva ta` azzjoni li setghet ukoll tigi proposta wahedha, l-attuir ghazlu li jipproponuhom flimkien ghaliex kellhom finalita wahda. "Ha luogo il cumolo*

*delle azioni quando piu` azioni aventi ciascuna vita propria e indipendente si sperimentano tutte nel medesimo giudizio senza che` l`ezercizio nell`una impedisca in tutto o in parte l`ezercizio dell`altra. L`attore puo` di regola cumulare tutte le azioni che gli spettano contro lo stesso convenuto sebbene dipendano da titoli diversi.”* ***Joseph Borg et vs Emanuel Bonello****, deciza mill-Prim Awla fid-29 ta` Jannar 1999, li ccitat il Nuovo Digesto italiano, Concorso di Azioni).*

*Ebda ligi ma tipprojbixxi l-kumulu ta` azzjonijiet, accettat anke mid-duttrina, barra minn xi kazi fejn hemm disposizzjonijiet espressi u kuntrarji, dak per ezempju li ma tistax tezercita l-azzjoni petitorja u possessorja flimkien, meta l-ezercizzju ta` wahda jeskludi l-ezercizzju ta` l-ohra. (Vol XXIX P.1.p 1087)*

*Ma kellux allura jkun hemm ostakolu ghall-atturi li jipprocedu b`att ta` citazzjoni wahda li tkun tikkontjeni kumulu ta` azzjonijiet sakemm jigi sodisfacentement pruvat lill-Qorti li tali procedura kienet utli ghall-ekonomija tal-gudizzju, li kienet tassigura li l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taht vesti jew ohra, fil-gudizzju, u li ma jkunx hemm pregudizzju ghall-konvenuti kjamati biex jirrispondu t-talbiet ta` l-atturi. “La cumulazione delle citazioni era permessa e frequentemente praticata sotto la giurisprudenza anteriore. E` cosa in se ragionevole, conducente ad economia di tempo e di spese e non pregudizievole al convenuto ne punto irriconciliabile con la legge attuale.` (Cremona, Commentario sul Codice di Procedura p 847)*

Il-Qorti mhijiex tirravvisa nullita` kif eccepit mill-konvenuti. Mhijiex tara kawzali u talbiet kontradittorji. Is-socjeta` attrici qeghda timposta t-talbiet taghha principalment fuq aspetti diversi tal-ftehim tad-29 ta` April 2004. Qeghda titlob lill-Qorti tippronunzja ruhha billi taghtiha r-rimedji li talbet ; talbet ukoll il-hlas tad-danni. Bil-fatt illi s-socjeta` attrici gemghet il-pretensjonijiet naxxenti mill-istess kuntratt go azzjoni wahda ma jaghmilx dik l-azzjoni mproponibbli jew nulla.

Id-decizjoni citata aktar `l fuq issemmi tlett kondizzjonijiet, li ghandhom jigu sodisfatti :

i) li tali procedura tkun utli ghall-ekonomija tal-gudizzju ;

ii) li tassikura li l-persuni kollha interessati jkunu partijiet fil-gudizzju, taht

vesti jew ohra ;

iii) li l-konvenut ma garrabx pregudizzju.

Dwar l-ewwel kundizzjoni, ghandu jinghad illi ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` attrici *setghet* l-ewwel tipprocedi b`kawza ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet skond l-ftehim, u wara tipprocedi b`kawza ghal danni jew penali, hija *setghet* tipprocedi **wkoll** kif ghamlet fil-kawza tal-lum.

Fl-istadju attwali tal-kawza, il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-mertu tal-kwistjoni. Tirrimarka biss illi, bhala **metodu ta` azzjoni**, is-socjeta attrici setghet tirrikorri ghal dak previst mill-Art 1120(3) tal-Kap 16 u cioe` li titlob l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni flimkien mal-hlas tal-penali. Fil-klawsola 3(e) tal-ftehim tad-29 ta` April 2004, jinghad li l-penali li kienet qeghda tigi mposta ghal dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

L-ewwel kondizzjoni hija sodisfatta.

Dwar it-tieni kondizzjoni, il-Qorti tirrileva li din tinvesti t-tielet eccezzjoni. L-argument tal-konvenuti huwa li David Curmi huwa persuna interessata fl-esitu tak-procediment, kien messu kien parti fil-kawza, u ghax baqa` barra minnha, il-gudizzju mhuwiex integru. Fil-kuntratt tad-29 ta` April 2004, David Curmi deher ghas-socjeta` attrici. Ghalhekk fil-kawza tal-lum David Curmi diga` rappresentat fl-ambitu tas-socjeta` attrici tant illi sahansitra halef ir-rikors bil-gurament (ara fol 6).

It-tieni kondizzjoni hija sodisfatta wkoll.

Dwar it-tielet kondizzjoni, il-Qorti tirreferi ghal li rrilevat aktar kmieni fis-sens illi l-konvenuti ma garrbux pregudizzju bil-mod kif is-socjeta` attrici mpostat l-azzjoni taghha.

Fl-azzjoni attrici hemm l-elementi kollha essenzjali biex l-istanza tista` tigi promossa u tkun sostnuta fil-mertu. Fl-istess waqt, dik l-istanza tista` tigi adegwatament kontestata mill-konvenuti, kif fil-fatt sar, bla ma jbatu l-ebda pregudizzju fl-impostazzjoni tal-linja difensjonali taghhom.

Fi kwalunkwe kaz, u dan in linea generali, ghandu jinghad li l-interess tal-gustizzja ikun generalment moqdi biss b`decizjoni fuq il-punti sostantiv tal-kawza u dak huwa li l-partijiet fil-verita` jkunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura qeghdin hemm primarjament sabiex id-dritt sostantiv jista` jitressaq ahjar u bis-sens. Id-dritt ghall-gustizzja ma ghandux jippermetti li r-regoli tal-procedura jiehdu s-sovravvent, b`interpretazzjoni rigida u maghluqa, fuq id-dritt sostantiv b`mod li l-formalizmu jigi jiddetta t-twettieq tal-gustizzja skond il-ligi.

Anke t-tielet kondizzjoni hija sodisfatta.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**III. It-tielet eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni taqra hekk :-

*Dejjem in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza kif intavolata hija monka peress illi fit-tieni, tielet u s-sitt talba qed jintalab provvediment jew ordni fil-konfront ta` jew dwar li terz mhux parti fil-kawza.*

L-**<u>Art 961 tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*"Tista` wkoll terza persuna, b`digriet tal-qorti, f`kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejha f`kawża miexja bejn partijiet ohra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta` wahda mill- partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba".*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Jannar 2013 fil-kawza "**<u>Dr. Marco Sammut et vs Di Natura Limited</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*"Illi huwa maghruf li biex il-Qorti tilqa` talba ghal sejha fil- kawża ta` terzi jehtieġ jintwera li jkunu jeżistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-iżjed stabilita f`dan ir-rigward. Is-sejha fil-kawża ta` terza persuna waqt li l-kawża tkun miexja bejn partijiet ohrajn hija regolata fil-liġi tal-proċedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta. Dak l-artikolu jghid li tali sejha tista` ssir kemm fuq talba ta` xi wahda mill-partijiet u kif ukoll, minghajr dik it- talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir ;*

*Illi l-prinċipju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawża, b`differenza minn dak li jkun indahal fil-kawża minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f`dik il-kawża jista` jinheles jew jiġi kundannat daqslikieku l-kawża inharġet mill-bidunett kontrih ;*

*Illi s-sejha fil-kawża, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawżi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqieghdu f`ġudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom.*

*Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawża jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta` l-istitut tas-sejha fil-kawża johroġ mill-kunċett fondamentali ta` interess tal-parti li toqghod f`ġudizzju;*

*Illi l-interess li jsejjes is-sejha fil-kawża ghandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, mhux neċessarjament fis-sens li l-imsejjah fil-kawża jkun kundannat jew mehlus, imma fis-sens li jsostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-imharrek, jew sahansitra tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet. Imma, fi kwalunkwe każ, l-interess tal-imsejjah fil-kawża ghandu jkun ta` livell bhal dak imfisser minn hafna sentenzi taghna bhala l-interess ġuridiku li ghandu jkollha parti fil-kawża. Fil-każ preżenti, dan l-interess li jrid jintwera ghandu jkun l-interess ta` persuna mharrka ;*

*Illi, kif inghad, il-Qrati taghna stabilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawża jmissha tiġi meqjusa, u, b`mod partikolari, f`liema ċirkostanzi ghandha tintlaqa` talba ghal tali sejha u, b`mod iżjed siewi, meta m`ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa` talba bhal din ;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawża jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieġ mil-liġi f`persuna biex minnu tista` tiġi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzjoni. Madankollu, s-sejha fil-kawża m`ghandhiex tintuża biex jidhlu fil-kawża persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieġ, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt ġew imharrkin, jew ikunu ġew imharrkin hażin;*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawża ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-liġi fuq imsemmi, din it- talba tista` ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawża. Tista` ssir ukoll mill-Qorti ex ufficio, iżda qatt minn u fuq talba tal- imsejjah innifsu. Ghal xi żmien kien jinghad li ma ghandhiex tintlaqa` talba ghas-sejha fil-kawża min-naha tal-attur meta dan seta` jew suppost li kien jaf bl-eżistenza jew l-interess ta` persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa mill-bidu. Iżda llum jidher li t-tifsira vera ta` dan il-punt thares iżjed lejn il-kwestjoni tal-interess ġuridiku tal-imsejjah milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawża) dwar kull min seta` kellu interess: u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawża ma tintużax biex jiddahhal fil-kawża mharrek iehor flimkien mal-imharrek oriġinali li ma messu tharrek qatt ;"*

L-intimati jikkontendu li David Curmi u r-Registratur tal-Kumpanniji kellhom

ikunu partijiet fil-kawza. U ghax mhux hekk huma, il-gudizzju mhuwiex integru. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi, tenut kont tar-rabta konsegwenzjali bejn il-premessi u t-talbiet attrici, l-assenza ta` David Curmi u r-Registratur tal-Kumpanniji bhala partijiet fil-kawza mhijiex ostakolu ghall-prosegwiment tal-kawza. Tirrileva li l-gudizzju huwa fil-fatt integru ghaliex il-partijiet kollha fil-ftehim tad-29 ta` April 2004 huma wkoll partijiet fil-kawza tal-lum.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti, spejjez ghall-konvenuti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------